MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 365/2012

**Golden Harvest Mfg Co. Ltd (C176)**

**vs**

**Vanguard Gaming Limited (C44634) u George Galea**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Ottubru 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' tlett elef, hames mija u erbgha u ghoxrin ewro u sitta u erbghin centesmu (€3,524.46)* inkluz taxxa fuq il-valur mizjud, rapprezentanti bilanc dovut skond l-iskrittura privata iffirmata minnhom fejn iddikjaraw u kkostitwixxew ruhhom bhala debituri f'somma akbar u dan flimkien mal-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez ta' din il-procedura u dawk ta' l-ittra ufficcjali kontrihom li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat illi is-socjeta’ konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall Ivan Spiteri Bianchi datata 4 ta’ April 2013 fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali tal-Gzira, fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida, kif ukoll fl-indirizz tas-socjeta’ konvenuta kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici (fol. 12 tergo tal-atti).

Rat illi l-konvenut George Galea kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Eugenio Mallia datata 27 ta’ Marzu 2013 fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar, fl-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar, kif ukoll fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici (fol. 12 tergo tal-atti).

Illi s-socjeta’ konvenuta u l-konvenut gew notifikati b’din il-kawza wkoll permezz ta’ avviz li deher fil-Gazetta tal-Gvern datat 28 ta’ Marzu 2013 u fil-gazetta lokali The Malta Independent datat 17 ta’ April 2013 (fol. 13 u 15).

Illi fis-seduta tat-8 ta’ Mejju 2013 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta u tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Mejju 2013 is-socjeta’ konvenuta, kif ukoll il-konvenut, gew imsejha izda ma dehrux la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett elef, hames mija u erbgha u ghoxrin ewro u sitta u erbghin centesmu (€3,524.46)* likwidata minnha ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**korrezzjoni awtorizzata b'digriet moghti fit-12 ta' Gunju 2013 fuq rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fis-6 ta' Gunju 2013 fejn l-ammont zbaljat ta' €4,524.46 gie mibdul ghall-ammont korrett ta' €3,524.46*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------